



Paġna ewlenija>Leġiżlazzjoni u każistika>L-impatt tal-virus COVID-19 fuq il-qasam tal-ġustizzja>Impatt tal-COVID-19 fuq materji ċivili u ta' Insolvenza Impatt tal-COVID-19 fuq materji ċivili u ta' insolvenza

Danimarka

1 Impatt tal-Covid-19 fuq proċedimenti ċivili

1.1 It-termini fi proċedimenti ċivili

S'issa ma g'iet introdotta l-ebda miżura fir-rigward tal-proċedimenti legali.

1.2 L-organizzazzjoni ġudizzjarja u l-Ġudikatura

Il-qrati Daniżi bdew proċedura ta' emerġenza sabiex jitrattaw ċerti oqsma kritiċi. L-oqsma kritiċi, li għadhom qed jiġu ttrattati lokalment mill-qrati, huma b'mod partikolari l-kawżi marbuta biż-żmien tal-liġi jew li huma partikolarment intrużivi.

Huma l-qrati li għandhom jivvalutaw f'kull każ jekk każ jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jitqies "kritiku", u huwa wkoll f'idejn il-qrati li jorganizzaw ix-xogħol filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi.

Id-deċiżjoni li tingħata prijorità lil każijiet kritiċi t'fisser li għadd ta' tipi ta' każijiet sinifikanti, inklużi każijiet b'laqgħat fiżiċi fil-qorti, mhux se jingħataw prijorità. Dawn il-każijiet huma posposti sakemm jingħataw avvizz ulterjuri.

Il-Qrati Daniżi qegħdin jippruvaw jagħmlu kemm jista' jkun xogħol mid-dar matul il-perjodu ta' emerġenza. L-Amministrazzjoni tal-Qorti Daniża għamlitha possibbli li l-impjegati kollha jaħdmu mid-dar. Barra minn hekk, l-impjegati tal-qorti jistgħu (sa ċertu punt) ikunu fiżikament preżenti fil-qrati sabiex jiżguraw li huma stess u oħrajn ikunu jistgħu jsolvu l-kompiti mid-dar.

Sa fejn ikun possibbli, il-qrati jużaw it-telekonferenzi biex jippreparaw każijiet f'diversi oqsma tal-liġi, inklużi każijiet ċivili u każijiet ta' marixxalli. Il-qrati tal-familja jitrattaw każijiet kemm jista' jkun mingħajr attendenza fiżika. Hemm ukoll ċerti każijiet ta' probation li jistgħu jiġu pproċessati bit-telefown.

Il-Kumitat għall-Kriżi (li jikkonsisti fl-Amministrazzjoni tal-Qorti Daniża u grupp ta' Presidenti tal-qrati) talab lill-qrati jikkunsidraw ukoll, kemm jista' jkun, jekk is-sitwazzjoni attwali tagħtix lok għal użu aktar frekwenti ta' vidjokonferenzi, jekk dan jitqies ġust mill-perspettiva tal-istat tad-dritt.

1.3 Il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-UE

B'mod ġenerali, il-Qrati Daniżi qegħdin jagħmlu hilitom sabiex jimmaniġġjaw kemm jista' jkun xogħol mid-dar matul il-perjodu ta' emerġenza.

2 Miżuri relatati mal-insolvenza adottati jew ippjanati li jiġu adottati fl-Istati Membri wara t-tifqigħa tal-pandemija

2.1 Miżuri sostantivi ta' insolvenza u kuntratti relatati li jaffettwaw il-miżura

2.1.1 Sospensjoni tal-insolvenza

2.1.1.1 Sospensjoni tad-dmir li wiegħed japplika għall-insolvenza (debituri)

Mhux applikabbli.

2.1.1.2 Protezzjoni tad-debituri dwar applikazzjoni għall-insolvenza mill-kredituri

Mhux applikabbli.

2.1.2 Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' talba u sospensjoni tat-terminazzjoni ta' kuntratt

2.1.2.1 Moratorja ġenerali / speċifiċi fuq l-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet / l-eżekuzzjoni ta' ċerta tipi ta' pretensjonijiet

Mhux applikabbli.

2.1.2.2 Sospensjoni tat-terminazzjoni ta' kuntratt (kuntratti ġenerali / speċifiċi)

Mhux applikabbli.

2.2 Ċivili, inkluż is-sospensjoni tal-qrati tal-insolvenza u s-sospensjonijiet proċedurali

Il-qrati Daniżi bdew proċedura ta' emerġenza sabiex jitrattaw ċerti oqsma kritiċi. L-oqsma kritiċi, li baqgħu jiġu ttrattati lokalment mill-qrati, huma partikolarment kawżi marbutin biż-żmien bil-liġi jew huma partikolarment intrużivi.

2.3 Miżuri oħra ta' insolvenza (dawk relatati mal-azzjonijiet revokatorji, pjani ta' rjorganizzazzjoni, ftehimiet informali u oħrajn jekk ikun xieraq)

Mhux applikabbli.

2.4 Miżuri relatati mhux ta' insolvenza (differimenti tal-pagamenti, self mill-banek, sigurtà soċjali, assigurazzjoni tas-saħħa, sussidji lin-negozji)

Il-parlament Daniż adotta sensiela ta' pakketti ta' stimolu ekonomiku.

L-aħħar aġġornament: 26/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.